

# Mitt Sena mit-Twaqqif tas-SSmu Sagrament 1914 - 2014

*Pawlu Dimech*



***Il-baldakkin tal-festa***

Din is-sena l-Fratellanza tas-SSmu Sagrament u l-Qalb ta' Ġesù tal-parroċċa tagħna qed tfakkar il-mitt sena mit-twaqqif tagħha. L-iskop tal-fratellanza huwa li xxerred il-qima lejn Ġesù Ewkaristija.

Kien il-kappillan Patri Piju Dimech, Kapuċċin, li għamel rikors lill-Kurja tad-Djoċesi biex titwaqqaf il-Fratellanza nhar id-19 ta' Jannar 1914. Id-digriet ħareġ fil-21 ta' Frar u ġie mħabbar mill-kappillan fl-4 ta' Marzu tal-istess sena. Fit-12 t'April 1914 saret l-ewwel vestizzjoni tal-fratelli li kienu Giovanni u Ġużeppi Grech, l-ewwel Rettur u Prokuratur, u Carmelo Balzan, Geatano Said u Giorgio Grima. Magħhom ingħaqdu Pietru Pawl Said, Dimitri Farrugia, Carmelo Saliba u Luigi Bezzina. In-nisa



***Il-fratellanza tieħu sehem fil-funeral ta' Balbi fl-1922***

(Konsorelli) bdew jinkitbu fil-15 ta' Mejju 1927 meta Patri Pacifico miż-Żurrieq kien Direttur. L-ewwel nisa kienu Katerina Grech, Giovanna Portelli, Reġina Saliba u Katerina Calafato.

Tul dawn is-snin il-membri tal-Fratellanza tas-SSmu Sagrament u l-Qalb ta' Ġesù ħadmu biex ixerrdu l-qima lejn l-Ewkaristija u kienu jieħdu sehem attiv fil-Vjatku tal-Morda, fil-Vjatku Solenni, fit-Terza, fil-Kwaranturi, fil-Purċissjonijiet kollha, fl-Adorazzjonijiet Solenni u fil-funzjonijiet. Il-festa ta' Corpus Christi u tal-Qalb ta' Ġesù kienu dejjem għal qalb il-fratellanza li kienet responsabbli għalihom. Bil-ħidma tal-fratelli saru diversi opri artistiċi fil-knisja u għall-fratellanza, fosthom il-baldakkin bir-rakkmu. Il-membri mejtin jindifnu fl-oqbra tal-Fratellanza fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata u jsiru quddies u talb għal ruħhom tul is-sena. Kull l-aħħar Ġimgħa tax-xahar issir laqgħa ta' formazzjoni fl-Oratorju għall-membri.



***Il-fratellanza tieħu sehem fit-Traslazzjoni tal-festa***

Fil-preżent ir-Rettur huwa Pawlu Dimech u l-Prokuratur hu Dione Cefai waqt li d-Direttur Spiritwali huwa Patri Wiġi Saliba, Kapuċċin. Kull min jixtieq jinkiteb membru jista' jitkellem ma' xi membri tal-Fratellanza jew jieħu formola mis-Sagristija.

O Ġesù Ewkaristija kun Inti l-ferħ u l-hena tagħna.